



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-3 ta' Ottubru 2017

### Is-sistema ta' sinjalar ferrovjarju madwar l-UE kollha għadha frammentata, jgħidu l-Awdituri

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, it-tħaddim ta' sistema ta' sinjalar ferrovjarju madwar l-UE kollha għadu jinsab f'livell baxx u huwa frammentat. L-awdituri jgħidu li dan huwa minkejja l-fatt li, b'mod ġenerali, mis-settur ferrovjarju ma jitqajjem l-ebda dubju dwar il-kunċett. Huma sabu li ħafna maniġers tal-infrastruttura kif ukoll impriżi ferrovjarji mhumiex ħerqana li jinvestu fis-sistema minħabba l-ispiża involuta u n-nuqqas ta' argument għall-vijabbiltà ekonomika individwali.

Is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju hija maħsuba biex tissostitwixxi d-diversi sistemi ferrovjarji ta' sinjalar madwar l-Ewropa b'sistema unika li tippermetti li l-ferroviji jivvjaġġaw mingħajr interruzzjonijiet f'pajjiżi differenti u li tiffaċilita l-kompetittività tal-ferroviji. Biex l-Istati Membri jingħataw għajjnuna għat-tħaddim tas-sistema, bejn wieħed u ieħor EUR 1.2 biljun ġew allokati mill-baġit tal-UE bejn l-2007 u l-2013.

L-awdituri vvalutaw jekk is-sistema kinitx ġiet ippjanata, imħaddma u mmaniġġjata sew, u jekk kienx hemm argument għall-vijabbiltà ekonomika individwali. Huma żaru sitt Stati Membri (id-Danimarka, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, in-Netherlands u l-Polonja) li huma inklużi fil-kuritur tan-netwerk fejn is-sistema trid tkun qed titħaddem bis-sħiħ sal-2030.

Huma sabu li l-istatus baxx attwali tat-tħaddim jista' jiġi spjegat prinċipalment mill-fatt li ħafna maniġers tal-infrastruttura kif ukoll impriżi ferrovjarji mhumiex ħerqana li jinvestu fit-tagħmir neċessarju, minħabba l-ispiża involuta u n-nuqqas ta' argument għall-vijabbiltà ekonomika individwali għal ħafna minnhom. Il-finanzjament mill-UE, anke jekk jiġi mmaniġġjat u mmirat aħjar, jista' jkopri biss ammont limitat mill-ispiża kumplessiva tat-tħaddim.

*"Is-sitwazzjoni attwali tqiegħed f'riskju mhux biss l-ilħuq tal-miri tat-tħaddim li ġew stabbiliti għall-2030 u l-investimenti li saru sa issa, iżda wkoll ir-realizzazzjoni ta' żona ferrovjarja unika bħala wieħed mill-oġġettivi ewlenin ta' politika tal-Kummissjoni Ewropea," qal is-Sur Ladislav Balko, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Barra minn hekk, dan jista' jaffettwa b'mod avvers il-kompetittività tat-trasport bil-ferrovija meta mqabbel mat-*

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

*Ir-rapport šiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).*

## ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors

[eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

*trasport tal-merkanzija bit-triq.”*

Minkejja d-deċiżjoni politika strateġika li titthaddem sistema unika ta' sinjalar fl-UE kollha, ma twettqet l-ebda stima kumplessiva tal-ispejjeż biex jiġu stabbiliti l-finanzjament meħtieġ u s-sorsi tiegħu. L-obbligi ġuridiċi li ġew introdotti ma kinux ikopru d-dekummissjonar tas-sistemi nazzjonali, u lanqas ma huma dejjem allinjati mad-dati ta' skadenza u l-prijoritajiet inklużi fil-politika tal-UE dwar it-trasport. Sal-lum, il-livell tat-tħaddim madwar l-UE huwa baxx.

L-awdituri jgħidu li s-sistema tinvolvi investimenti li jqumu l-flus u li ma għandhom l-ebda benefiċċju immedjat għal dawk li jkollhom jerfgħu l-ispiża. Il-problemi bil-kompatibbiltà tal-verżjonijiet differenti installati, kif ukoll il-proċeduri twal ta' ċertifikazzjoni, jaffettwaw ukoll b'mod avvers l-argument għall-vijabbiltà ekonomika individwali.

L-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji rigward il-valutazzjoni tal-ispejjeż tat-tħaddim; id-dekummissjonar tas-sistemi nazzjonali ta' sinjalar; argumenti għall-vijabbiltà ekonomika individwali għall-maniġers tal-infrastruttura u għall-impriżi ferrovjarji; il-kompatibbiltà u l-istabbiltà tas-sistema; ir-rwol u r-riżorsi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji; l-allinjament tal-pjanijiet nazzjonali għall-mobilitazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar; assorbiment aħjar tal-fondi tal-UE għal proġetti ta' sinjalar ferrovjarju; u mmirar aħjar tal-finanzjament mill-UE.

### **Noti lill-Edituri**

Biex il-ferroviji jkunu jistgħu joperaw fuq netwerk ferrovjarju, hija meħtieġa sistema ta' sinjalar ferrovjarja biex it-traffiku jiġi mmaniġġjat b'mod sikur u l-ferroviji jinżammu 'l bogħod minn xulxin f'kull ħin. Madankollu, kull pajjiż Ewropew żviluppa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi proprji tiegħu għas-sistemi ta' sinjalar, għall-wisa' bejn il-linji, u għall-istandards tas-sikurezza u tal-elettriku. Attwalment, jeżistu madwar 30 sistema differenti ta' sinjalar madwar l-UE li jimmaniġġjaw it-traffiku ferrovjarju, u li mhumiex interoperabbli.

Biex din il-problema tingħeleb u biex tgħin fil-ħolqien ta' żona ferrovjarja unika Ewropea, l-industrija ferrovjarja Ewropea bdiet tiżviluppa sistema Ewropea ta' kontroll-kmand, sinjalar u komunikazzjoni - l-ERTMS - fl-aħħar snin tat-tmeninijiet u fl-ewwel snin tad-disgħinijiet, u l-Kummissjoni Ewropea appoġġat l-istabbiliment tagħha bħala s-sistema unika fl-Ewropa. L-oġġettiv tal-ERTMS huwa li din tissostitwixxi s-sistemi ta' sinjalar eżistenti kollha fl-Ewropa b'sistema unika biex trawwem l-interoperabbiltà tan-netwerks ferrovjarji nazzjonali u tat-trasport ferrovjarju transkonfinali.

Ir-Rapport Speċjali Nru 13/2017: “Sistema Ewropea unika tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju: l-għażla politika qatt se ssir realtà?” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE.